# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tat-3 ta' Lulju 2024**

**Talba nru. 328/2020 IS**

**MEDDESIGN ASSOCIATES LTD. (C 53089)**

***VERSUS***

**ANTHONY AZZOPARDI (I.D. 75071 (M))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fil-15 ta' Diċembru 2020 (a fol. 1 et seq) is-soċjeta' attriċi talbet mingħand il-konvenut l-ammont ta' ħamest elef Ewro (Eur 5,000.00) bħala bilanċ dovut għall-ħlas tad-drittijiet professjonali u spejjeż inkorsi mill-istess soċjeta' fuq inkarigu tal-konvenut bl-imgħax u l-ispejjeż.

Ra illi l-konvenut ippreżenta ir-risposta tiegħu fl-1 ta' Frar 2021 (a fol. 21).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta' dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fit-18 ta' Mejju 2022, is-soċjeta' attriċi għalqet il-provi tagħha (a fol. 82) permezz ta' nota.

Ra illi fis-16 ta' Novembru 2023, il-konvenut għalaq il-provi tiegħu (a fol. 105).

Ra illi l-partijiet iddikjaraw illi l-provi huma kollha hekk magħluqa fid-19 ta' Frar 2024 (a fol. 116).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għal sentenza.

Ikkunsidra

Mill-provi u xhieda prodotti jidher ċar illi kien hemm relazzjoni professjonali għal xogħol relatat mal-proprjeta' bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenut.

Il-punti ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet huma tlieta, fejn l-ewwel kontestazzjoni hija jekk hemm xi ammont dovut, min hu responsabbli li jħallas tali ammont lis-soċjeta' attriċi, imbagħad it-tieni kontestazzjoni, hija jekk hemmx ammont dovut, lil hinn mill-preskrizzjoni it-tielet kontestazzjoni hija l-preskrizzjoni innifisha, Kull kontestazzjoni ser tkun hawnhekk diskussa separatament minn dan it-Tribunal.

Il-ftehim bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenut

Huwa ċar illi l-ftehim sabiex is-soċjeta' attriċi tagħti servizzi professjonali kien bejn l-imsemmija soċjeta' attriċi u l-konvenut, u dan skond il-ftehim li sar bejn il-partijiet li jinsab a fol. 6 u fejn il-konvenut ikkonferma taħt ġurament li l-firma fuq dan l-imsemmi ftehim hija tiegħu meta xehed fil-11 ta' Mejju 2022 (a fol. 80) u fid-19 ta' Frar 2024 (a fol. 118). Inoltre', huwa ċar illi kien il-konvenut stess li ried li jsiru xi tibdiliet fil-pjanti, u dan hekk kif huwa wkoll aċċenna fl-avvidavit tiegħu ippreżentat fis-27 ta' Ġunju 2022 (a fol. 85 u 86) fejn dejjem irrefera għalih innifsu u eskluda s-sidien l-oħra tal-proprjeta'.

B'dan illi l-argumentazzjoni tal-konvenut illi hu ma kienx l-unika sid tal-proprjeta' in kwistjoni, hekk kif ittenta jgħid fl-affidavit tiegħu ippreżentat fis-27 ta' Lulju 2022 (a fol. 85 u 86) ma ssibx lok għaliex huwa kien qed jaġixxi *se mai qua* mandatarju għan-nom u in rappreżentanza tas-sidien kollha tal-proprjeta' ġjaldarba għażel li jiffirma f'ismu, u jekk kien hemm xi diżgwit, dan jista' biss isir bejn is-sidien tal-proprjeta'.

**B'dan illi għaldaqstant tali kontestazzjoni ma tistax isseħħ bejn il-partijiet ġjaladarba huwa ċar illi l-ftehim kien bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenut sabiex is-soċjeta' attriċi tippresta x-xogħol professjonali tagħha lill-konvenut.**

L-ammont dovut mill-konvenut lis-soċjeta' attriċi

Ġjaladarba huwa stabbilit illi kwalunkwe kontijiet pendenti huma bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenut, issa dan it-Tribunal irid iħares lejn l-ammont dovut mill-konvenut lis-soċjeta' attriċi.

Il-Perit Charles Buhagiar xehed fis-6 ta' Mejju 2021 u spjega b'mod ċar kif is-soċjeta' attriċi waslet ghall-ammont pretiż minnha (a fol. 27) fejn irrefera wkoll għall-Tariffa K tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-soċjeta' attriċi wkoll ippreżentat affidavit fis-6 ta' Mejju 2021 tal-Perit Andre Pizzuto li huwa u l-President u r-rappreżentant tal-Kamra tal-Periti, u li wkoll ikkonferma dak li xehed il-Perit Charles Buhagiar fuq kif jinħadmu l-kontijiet tal-Periti, speċjalment fir-rigward tal-każ in eżami (a fol. 31).

F'dan ir-rigward, imbagħad, Marthese Borg, fix-xhieda tagħha tat-22 ta' Ġunju 2021, u li hija l-assistenta personali tal-Perit Charles Buhagiar u l-*company administrator* tas-soċjeta' attriċi, ippreżentat l-istima tal-proprjeta' tal-konvenut u l-ammont dovut lis-soċjeta' attriċi, li jammonta għal erbat elef u sitt mija u erbgħa u ħamsin Ewro (Eur 4,654.00) esklużż VAT (a fol. 40). Hija wkoll ippreżentat kopja tal-*invoices* kollha li s-soċjeta' attriċi ħarġet fil-konfront tal-konvenut tul din ir-relazzjoni professjonali li kien hemm bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenut, u fejn l-ammont hawnhekk imsemmi huwa wkoll imniżżel bil-VAT inkluż (a fol. 45) fejn ukoll huwa ċar illi kull ħlas li l-konvenut għamel, tali ħlas dejjem ittieħed in konsiderazzjoni mis-soċjeta' attriċi.

Dan it-Tribunal ħares lejn it-Tariffa K hawn fuq imsemmija u huwa ċar illi kif inħadmet is-somma dovuta mis-soċjeta' attriċi f'dan il=każ, huwa konformi mal-Liġi.

Il-konvenut ittenta jgħid illi ma jafx kif saret tali stima fuq il-proprjeta' tiegħu u dan skond l-affidavit tiegħu ippreżentat fis-27 ta' Ġunju 2022 (a fol. 85 u 86). Biss pero', il-Liġi, u ċioe' it-Tariffa K hawn fuq imsemmija hija ċara u unekwivoka kif il-Periti jaħdmu dawn l-istimi. Jekk il-konvenut kien verament jidhirlu li tali stima tal-proprjeta' hija skorretta, kellu kull dritt li jġib prova kemm tiswa tali proprjeta' għal kull metru kubu u dan *stante* illi Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "*Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah*."

**B'dan illi t-talba tas-soċjeta' attriċi għall-ammont ta' ħamest elef Ewro (Eur 5,000.00) hija ġusta u dovuta mill-konvenut lis-soċjeta' attriċi.**

<u>Il-preskrizzjoni</u>

Għalkemm huwa stabbilit illi l-ftehim sar bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenut u r-rata tal-ħlas mis-soċjeta' attriċi hija skond il-Liġi, il-konvenut eċċepixxa l-preskrizzjoni permezz ta' nota ippreżentata fit-23 ta' Novembru 2023 (a fol. 106). Min-naħa l-oħra, is-soċjeta' attriċi spjegat għala tali preskrizzjoni hekk eċċepita mill-konvenut ma tgħoddx (a fol. 107 sa 112).

L-ewwelnett, dan it-Tribunal jirrileva illi l-konvenut eċċepixxa l-preskrizzjoni mhux fir-risposta tiegħu iżda tul is-smiegħ tat-talba u dan seta' jagħmlu għaliex huwa permissibbli skond l-Artikolu 2112 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u li ma jidnikax jekk tali eċċezzjoni għandhix issir b'nota jew rikors, b'dan illi jidher illi l-leġislatur juri illi l-importanti huwa biss illi l-persuna interessata tqajjem tali eċċezzjoni.

Il-konvenut irrefera għall-Artikolu 2149 (c) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta bħala bażi tal-eċċezzjoni tiegħu, liema artikolu jgħid illi "*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn: (ċ) l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inġinieri ċivili, u persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu*." Fid-dawl ta' tali eċċezzjoni huwa opportun illi ssir ukoll referenza għall-Artikolu 2160 (1) tal-istess Kodiċi hawnhekk imsemmi li jipprovdi illi "*(1) Il-*

*preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148,2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*" Il-konvenut qal fl-affidavit tiegħu li kien ippreżentat fis-27 ta' Lulju 2022 illi "*Jiena niddikjara li matul iz-zmien kollu li l-Perit Buhagiar kien perit taghna dejjem hallasnih u la ma kien baqa xejn iktar fi hlasijiet*" (a fol. 85 u 86) b'dan illi l-konvenut issodisfa l-kriterju tal-Artikolu 2160 (1) hawnhekk imsemmi u li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni minnu msejsa fuq l-Artikolu 2149 (c) hawnhekk ukoll imsemmi trid tkun hekk ikkunsidrata minn dan it-Tribunal.

Tali eċċezzjoni min-naħa tal-konvenut qed issir fid-dawl illi tali xogħol professjonali kien itterminat fit-30 ta' Mejju 2018 (a fol. 42). Il-Perit Charles Buhagiar ukoll xehed fis-6 ta' Mejju 2021 illi kien ta r-*release* lill-konvenut (a fol. 29) u għalkemm ma semmiex id-data tar-release, il-formola *change of perit form* li tinsab a fol. 42, turi b'mod ċar illi tali release sar fit-30 ta' Mejju 2018. Fil-fatt, tali data toħroġ ċara wkoll bħala d-data tar-*release* mix-xhieda ta' Marthese Borg tat-22 ta' Ġunju 2021, li hija l-assistenta personali tal-Perit Charles Buhagiar u l-*company administrator* tas-soċjeta' attriċi, fejn hija xehdet illi "*Imbaghad ghandi dokument iehor li meta gie l-klijent jitlobni r-release; dan iffirmat u tajtu r-release meta xtaq biex hu ma jitlifx il-bejgh*" (a fol. 36A) u li ppreżentat il-formola *change of perit form.*

Min-naħa l-oħra, is-soċjeta' attriċi irriferiet għad-data tal-kont maħruġ minnha bħala l-punt tat-tluq (a fol. 107). Biss pero', dan it-Tribunal jirreferi għall-Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi illi "*Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.*" B'dan illi filwaqt illi dan it-Tribunal jifhem illi s-soċjeta' attriċi ħarġet il-kont fil-konfront tal-konvenut fis-27 ta' Lulju 2018 (a fol. 45 u 107), fil-verita' is-soċjeta' attriċi ċertament kienet taf illi kellha d-dritt għall-ħlas mill-31 ta' Mejju 2018 u mhux mid-data meta tali soċjeta' ħarġet il-kont u dan skond id-dettami tal-Liġi nostrana hawnhekk ukoll rappurtat u ukoll skond id-diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tagħna diversement presjeduta, fosthom hekk kif dettat fis-sentenzi ***Dimbros Ltd (C 32506) vs Korporazzjoni Għas-Servizzi ta' l-Ilma***[1] u ***Dolceria Italiana Limited (C 17590) ('l-appellata') vs. John Pullicino ('l-appellant')***.[2]

Is-soċjeta' attriċi irrikonoxxiet illi l-preskrizzjoni tinkiser b'att ġudizzjarju fin-nota tagħha ippreżentata fl-4 ta' Diċembru 2023 (a fol. 107 u 108). Fil-fatt, Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "*Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att ġudizzjarju ppreżentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti likontra tagħha wieħed irid li ma jħallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher biċ-ċar illi s-sid jew il-kreditur bi ħsiebhomiżommu l-jedd tagħhom.*" Fir-rigward tad-definizzjoni ta' att ġudizzjarju, dan it-Tribunal jirreferi għal-liġi sussidjarja 12.12 illi tipprovdi definizzjoni dettaljata ta´att ġudizzjarju b´dan illi tipprovdi illi "*att ġudizzjarju tfisser kull att jew skrittura preżentata fir reġistru, jew li toħroġ minn, xi Qorti, Tribunal*

[1] 7 ta' Frar 2020, Qorti Ċivili Prim'awla (Ref.: 201/2016)

[2] 10 April 2024, Qorti tal-Appell (Ref.: 336/2017)

*jew Bord f'Malta, u kull att jew skrittura preżentata, jew li toħroġ minn, xi Qorti,Tribunal jew Bord barra minn Malta, li tista', bis-saħħa ta' xi liġi jew trattat, tiġi notifikata lil xi persuna f'Malta, iżda ma tinkludix il-mandati u l-ordnijiet imsemmija fit-Titolu VII tat-Tieni Ktieb u fit-Titolu VI tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi*." Għal kull buon fini, dan it-Tribunal jiċċara illi filwaqt illi huwa minnu illi liġi sussidjarja trid tkun interpretata fl-ambitu tal-Att ewlini illi taħtu tkun saret il-liġi sussidjarja, kemm il-Kap. 12 kif ukoll l-Kap. 16 jirregolaw ic-ċivil, fejn il-Kap. 12 jitkellem fuq il-proċedura u l-Kap. 16 jitkellem fuq is-sustanza, b´dan illi t-tnejn li huma wkoll jitkellmu fuq l-istess prinċipju; il-preskrizzjoni b´dan illi l-liġi sussidjarja 12.12 tista´ tkun applikata f´termini ta´ definizzjonijiet għall-Kodiċi Ċivili. F'dan il-każ, is-soċjeta' attriċi stess ammettiet fin-nota tagħha li tinsab a fol. 107 u 108 illi hija bagħtet l-ittra uffiċċjali lill-konvenut fid-9 ta' Lulju 2020, u dan wara li kienu skadew is-sentejn hawn fuq imsemmija, u b'dan illi anke jekk ikollu japplika Artikolu 891 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tali preskrizzjoni ma tkunx inkisret fil-perjodu ta' sentejn.

Dan it-Tribunal irid ukoll jirrimarka illi ma hemm ebda Artikolu ieħor li jista' jkun applikabbli f'dan il-każ sabiex tali azzjoni tas-soċjeta' attriċi ma titqiesx bħala preskritta *stante* illi l-każ huwa wieħed ċar.

**B'dan illi għaldaqstant, it-talba tas-soċjeta' attriċi hija preskritta**.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tas-soċjeta' attriċi għar-raġunijiet hawn fuq premessi.

Jilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenut.

Jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tas-soċjeta' attriċi.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur